**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Vella]**

**vs**

**Bassam El-Amami**

**Kumpilazzjoni Numru: 542/17**

**Illum, 5 ta' Frar, 2018**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Bassam El-Amami detentur tal-karta tal-identita` numru 21488A gie akkuzat talli fil-15 ta' Gunju, 2017, u/jew fil-gimghat sussegwenti, gewwa dawn il-Gzejjer Maltin:

1. ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsien munn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffurmati, inkella billi zid jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

2. u aktar talli matul l-istess perjodu, lok, u fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza;

3. u aktar talli matul l-istess perjodu, lok, u fl-istess cirkostanzi, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

4. u aktar talli matul l-istess perjodu, lok, u fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamel uzu minn dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

5. u aktar talli matul l-istess perjodu, lok u fl-istess cirkostanzi, biex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza jew ta taghrif falz.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata ghall-hlas ta' spejjes li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

Rat li hu kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 183, 184, 185, 186, 188 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat Bassam El-Amami hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**